Avviż Numru CCT 14/10

**Ruth Flores Martin**
**vs**
**Cell Phone**

Illum 27 t'April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Jannar, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), stante li l-*mobile phone* ma ħadimx sew minkejja li ntbagħat għat-tiswija, xorta ma ttranġax.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għal żewġ seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *mobile phone* li ma kienx qed jaħdem sew u għalkemm intbagħat għat-tiswija, xorta baqa' bil-problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li l-intimat issottometta risposta, pero' mhux qed jammetti t-tort.

It-Tribunal ukoll jinnota li l-intimat ħa l-*mobile phone* għandu sabiex jiġi imsewwi u din il-kawża marret *sine die*, pero' entro ż-żmien mogħti lilu, reġa' deher ir-rikorrenti bl-istess problema u s-soċjeta' intimata m'attendietx għas-seduta.

It-Tribunal wara li eżamina l-*mobile phone* u sema' lir-rikorrenti mill-ġdid, u jinnota li s-soċjeta' intimata m'attendietx għas-seduta, qiegħed jagħti kredibilta' lix-xhieda tar-rikorrenti u qed jemmen il-verżjoni tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888